# Ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla f'Għajnsielem

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Malta bdiet bil-ħidma għaqlija tal-Patri Ġeraldo Paris O.P. fl-1928 u twaqqfet bil-għan li teqred il-vizzju misħut tad-dagħa u biex tpatti għall-offiżi koroh li jsiru 'l Alla bil-kruha ta' dan il-vizzju hekk ikrah u li bla dubju ta' xejn ibaxxi d-dinjita' tal-bniedem.



Din ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Għawdex bdiet fil-Parroċċa tan-Nadur fil-15 ta' Novembru 1931, u fis-snin ta' wara sal-1959 twaqqfet fergħa f'kull parroċċa tal-gżira tagħna .

Il-Kungressi Djoċesani tax-Xirka f'Għawdex bdew isiru fl-1946, u proprju l-Ewwel Kungress Djoċesan sar f'Għajnsielem, allura fil-parroċċa tagħna, il-Ħadd 25 ta' Awwissu 1946 fiż-żmien il-parrokat tal-Kappillan Dun Franġisk Mizzi u dan il-kungress kien immexxi mill-istess fundatur u Direttur Nazzjonali tax-Xirka, il-famuż Patri Gerardo Paris O.P. u ppresedut mill-E.T. Mons. Isqof Ġ.Pace, li fl-istess okkażjoni, ġiet imbierka l-ewwel ġebla ta' Lourdes Home, istitut imwaqqaf mis-Sinjurina Ġużeppa Debono.

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes daħlet f'Għajnsielem fl-4 ta' Settembru 1932, meta l-ewwel Direttur Djoċesan għal Għawdex kien il-Monsinjur Lwigi Galea u kif fuq ġa semmejna kien fi żmien il-Kappillan F. Mizzi u jekk qed niftakar sew, bħala l-ewwel Direttur tagħha f'Għajnsielem, kien Dun Ġ. Galea Rapa.

L-aħħar Kungress, l-44 wieħed li sar f"Għawdex inżamm mit-18 sad-29 ta' April, 2007 u l-manifestazzjoni solenni tiegħu saret f'Għajnsielem fiż-żmien dan il-parrokat ta' l-Arċipriet Frankie Bajada u li fih kellu parti importanti ħafna s-Sur Lelio Spiteri, li lilu mbagħad fis-6 ta' Diċembru ta' l-istess sena ġie mogħti l-Ġieh Għajnsielem, unur li kien jixraqlu sew.

Għall-bidu tat-twaqqif tax-Xirka, almenu f'Għajnsielem, lill-imseħbin tax-Xirka kien jingħata ċertifikat ta' iskrizzjoni, kienu jitlibsu bages tax-Xirka bl-IHS u naħseb li l-uffiċċjali kellhom xi distintiv jew faxxa ċelesti li tintlibes fid-dirgħajn u li fiha kellha wkoll IHS żgħira.

F'wieħed mill-Ħdud tax-xhur kienet issir purċissjoni qasira fil-pjazza bil-Bambin tax-Xirka li għadu jinsab fis-sagristija tal-knisja l-qadima.

Għall-ġieh ta' l-istorja hu sew ngħidu li fis-sena 2007 din ix-Xirka f'Għajnsielem għalqet 75 sena mit-twaqqif tagħha, u fix-xahar ta' Diċembru ta' l-istess sena l-parroċċa tagħna rnexxielha takkwista Bandalora tax-Xirka rrakkmata bid-deheb imħallsa mill-membri tal-familja Bajada, bandalora li saret flok oħra qadima, li kienet tħallset ukoll mill-ġenituri ta' l-istess familja Bajada madwar ħamsin sena ilu.

D. K.C.



